**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 635/2024DC**

***Adrian Hillman (K.I.561264M)***

***vs***

***Avukat Ġenerali, u***
***Avukat tal-Istat***

Illum, l-1 ta' Awwissu 2024

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Adrian Hillman preżentat fil-15 ta' Lulju 2024, permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi talab lil din il-Qorti:

> *Tordna li pendenti dawn il-proċeduri kostituzzjonali u sakemm l-istess proċeduri kostituzzjonali jiġu res gudicata, ikun hemm is-sospensjoni tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Adrian Hillman, preseduta mill-Qorti tal-Maġistrati per Maġ Dr L Caruana, kumpilazzjonzi nru 336/2021 u li minnhom jemergi l-indoli kostituzzjonali mertu tal-proċeduri odjerni u dan salv kull provvediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti joġgħobha timponi.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti nhar is-16 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema, fil-waqt li ordnat in-notifika tar-rikors promotur lill-intimati u tagħthom żmien biex jippreżentaw risposta, appuntat ir-rikors għas-smigħ.

Rat ir-risposta preżentata mill-intimati fit-22 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponew it-talbiet tar-rikorrenti.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar il-25 ta' Lulju 2024 meta r-rikors tħalla għall-llum għal provediment.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi fil-qosor il-fatti li taw lok għar-rikors odjern huma s-segwenti:

- Fid-29 ta' Mejju 2021 ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta akkużat b'diversi reati fosthom ħasil ta' flus.
- Meta ġie preżentat ir-rikors promotur (fit-28 ta' Diċembru 2023) il-kumpilazzjoni kienet qed tinstema minn dik il-Qorti kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech; l-Avukat Ġenerali kien ħareġ il-kontr'ordni ai termini tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mar-rinviju għall-ġudizzju fir-rigward tal-imputazzjonjiet l-oħrajn. F'dak l-istadju kienu għadhom ma bdewx jinstemgħu l-provi tad-difiża.
- Illi pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ukoll presjeduta mill-Maġistrat Dr Frendo Dimech, kien hemm proċeduri kontra Vincent Buhagiar li, bħar-rikorrent, kien jokkupa l-kariga ta' direttur fis-soċjeta Times of Malta. Il-proċeduri kontra Buhagiar inbdew in segwietu għall-istess inkjesta li wasslet ukoll għall-proċeduri penali kontra r-rikorrent. Il-proċeduri kontra Buhagier huma fi stat aktar avvanzat minn dawk kontra r-rikorrent u fiż-żmien meta ġie preżentat ir-rikors promotur kienu diġa qeghdin jinstemgħu l-provi tad-difiża.
- Illi minn dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-proċeduri penali kontra r-rikorrent *il-mertu tal-ewwel fażi tax-xiri ta' żewġt makni partikolari, ... huwa l-istess fil-kawża kontra Adrian Hillman u fil-kawża ta' Vincent Buhagiar*[1]. Mill-istess verbal jidher li l-proċeduri kontra r-rikorrenti kienu jirrgwardaw ukoll ix-xiri ta' magni oħrajn.
- Fil-proċeduri penali pendenti kontra tiegħu r-rikorrent talab r-rikuża tal-Maġistrat sedenti; din it-talba ġiet miċħuda għaliex ma kienet tinkwadra ruħha fl-ebda waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija fl-artikolu 734 tal-

[1] Hawn il-Qorti mhiex qed tikkwota mill-atti tal-kawża kontra r-rikorrent imma mir-rikors promotur.

Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2], lanqas is-subpargrafu (d)(i)(ii) għaliex dik il-Qorti kienet *għada ma esprimietx ruħha dwar, jew qatgħet definittivament, il-mertu fuq il-kwistjoni bejn il-partijiet*, u konsegwentement ikkunsidrat it-talba bħala intempestiva. Jidher li fl-istess degriet ġie riżervat id-dritt tar-rikorrent li jerġa jressaq it-talba tiegħu fi stadju ulterjuri f'kaz li javveraw ruħhom c-cirkostanzi imsemmija f'l-artikolu 734(d)(i)(ii) tal-Kap 12.

- Rinfaċċjat b'dak id-degriet ir-rikorrent talab lill-dik il-Qorti biex tirreferi l-kwistjoni lill-Prim Imħallef biex jirriassenja l-kawża; din it-talba ġiet miċħuda.
- Fit-28 ta' Diċembru 2023 ir-rikorrent preżenta ir-rikors kostituzzjonali fl-ismijiet premessi permezz ta'liema qed jallega ksir tad-dritt għas-smigħ xieraq protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[3] u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem[4].
- Fl-ewwel smigħ miżmum minnha fil-kawża prinċiali, din il-Qorti ġiet infurmata li l-kawża kriminali kontra r-rikorrent kienet ser tiġi riassenjata[5] u li għalhekk kien possibbli li l-mertu ta' dawn il-proċeduri jirriżolvi ruħu; għallhekk, fuq talba tar-rikorrent mhux opposta, ġie deċiż li l-kawża tiġi differita biex ir-rikorrent ikun jista' jirregola ruħhu.
- Fil-fatt il-kawża kriminali kontra r-rikorrent ġiet riassenjata, pero ġiet riassenajata lill-Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta mill-istess Maġistrat (Dr Leonard Caruana) li lilu ġiet assenjata ukoll il-kawża kontra Vincent Buhagiar.
- Ir-rikorrent, għall-istess raġunijiet ta' qabel, talab ir-rikuża tal-Maġistrat Dr Leonard Caruana; anke din it-talba ġiet miċħuda.
- Rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni r-rikorrent informa lil din il-Qorti li l-proċeduri kostituzzjonali kellhom jitkomplew.

Illi kien f'dan l-istadju li ġie preżentat ir-rikors odjern li permezz tiegħu r-rikorrent qed jitlob li, sakemm jiġi finalment trattat u deċiż ir-rikors kostituzzjonali minnhom preżentat, il-Qorti tordna is-sospensjoni tal-proċeduri penali pendenti kontra tiegħu fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Adrian Hillman* (kumpilazzjonzi nru 336/2021).

Ikkunsidrat

[2] F'din is-sentenza imsejjaħ "il-Kap 12".
[3] F'din is-sentenza imsejħa 'il-Kostituzzjoni".
[4] F'din is-sentenza imsejħa "il-Konvenzjoni".
[5] Dan għal raġunijiet kompletament estraneji għall-lanjanzi tar-rikorrent.

Illi effettivament dak li qed jitlob l-attur permezz ta' din it-talba huwa l-għoti ta' miżura proviżorja, *interim measure*. Dwar is-setgħa ta' din il-Qorti li tagħti ordni ta' din ix-xorta esprimiet ruħha il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***

> *Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319 [Art 4(1) u (2)].*

Illi aktar minn hekk fis-sentenza mgħotija fit-2 a' Ġunju 2014 fil-kawża ***Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et***, din il-Qorti kif diversament presjeduta qalet ukoll:

> *Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*
>
> *Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet;*

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-eżami illi trid tagħmel il-Qorti fid-determinazzjoni ta' talba għall-għoti ta' miżura proviżorja bl-ebda mod m'għandu jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża fil-mertu. Fil-fatt fl-istess kawza appena ċitata ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et*** intqal li

> *... l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex*

*jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha*

Illi huwa ben stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza x'inhu l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura proviżorja hux mistħoqq. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2020 fl-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et***. F'din is-sentenza l-Qorti elenkat l-elementi rikjesti li jridu jiġu sodisfatti biex tkun tista' tingħata miżura proviżorja.

*Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:*

*1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent. ... ... {**Mark Formosa vs L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost.)**}*

*2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ.{**Emanuel Camilleri vs. Spett. Louise Calleja 02.06.2014 Prim'Awla (Kost)**}*

*3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. {**Rosette Thake v Prim Ministru 09.06.2016 Prim'Awla (Kost)**}. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema". {**Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali**}. ... ... ...*

*4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita tteħid ta' miżuri urġenti. ... ... {**Mark Formosa v L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost)**}.*

> *5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata rrimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali. Ladarba jkun hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza pro veritate habetur. Sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza għandha normalment tibqa' tgħodd, salv każijiet eċċezzjonali. {**Stephen Pirotta v L-Avukat Generali 19.04.2016 Prim'Awla (Kost.)**}.*

Illi dawn il-prinċipji imħaddna mill-qrati tagħna huma l-istess prinċipji li jirregolaw il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[6] f'materja ta' miżuri proviżorji. Tant li fil-*Factsheet* dwar *Interim Measures* maħruġa minn dik il-Qorti f'Ottubru 2023, fejn dan it-tip ta' rimedju huwa deskritt bħala wieħed eċċezzjonali, intqal hekk:

> *Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants requests for interim measures only on an exceptional basis, when applicants would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm. … … …*
>
> *In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 (right to life) of the European Convention on Human Rights) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment) of the Convention. More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair trial (Article 6 of the Convention), the right to respect for private and family life*

[6] F'din is-sentenza imsejħa:"QEBD".

*(Article 8 of the Convention) and freedom of expression (Article 10 of the Convention).*

*In the Court's case-law as it currently stands, Rule 39 of the Rules of Court is not applied, for example, in the following cases: to prevent the imminent demolition of property, imminent insolvency, or the enforcement of an obligation to do military service; to obtain the release of an applicant who is in prison pending the Court's decision as to the fairness of the proceedings; to ensure the holding of a referendum; to prevent the dissolution of a political party; or to freeze the adoption of constitutional amendments affecting the term of office of members of the judiciary.*

Ikkunsidrat

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji regolaturi l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu tat-talba odjerna. Kif intqal ir-rikorrent qed jitlob li l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu jiġu sospiżi sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża prinċipali tiegħu pendenti quddiem fin il-Qorti.

Illi r-rikorrent jikkontendi li jekk, kif probabbilment ser jigri, il-Qorti (tal-Maġistrati) ser tiddeċiedi l-kawża kontra Vincent Buhagiar qabel ma tiddeċiedi tiegħu, dik il-Qorti ser tkun esprimiet ruħha fuq fatti li jikkostitwixxu, almenu in parti, l-istess mertu li għandu jigi deċiż fil-kawża kontra tiegħu. Dan, dejjem skond it-teżi tar-rikorrent, neċessarjament ser iwassal għar-rikuża tal-Maġistrat sedenti. Huwa jkompli jgħid li r-rikuża f'dak l-istadju ser tkun ta' preġudizzju għalih għaliex sa kemm tavvera ruħha din iċ-ċirkostanza[7] (ċioe r-rikuża) huwa ser ikollu jipproċedi bil-provi tiegħu. Dan (dejjem skond ir-rikorrent) ser jinċidi negattivament fuq id-dritt tiegħu li jigi ġudikat mill-ġudikant li jkun sema' l-provi. Ir-rikorrent ikompli jgħid li anke jekk jinstemgħu il-provi mill-ġdid quddiem il-Maġistrat li finalment ser jiddeċiedi l-kawża huwa ser issofri preġudizzju għaliex ir-riproduzzjoni ta' xhieda ai fini ta' depożizzjoni mill-ġdid wara li jkun ġia sarilhom kontro-eżami hija dejjem problematika għaliex ix-xhud ikun "preparat" u jista' jimmodula d-depożizzjoni tiegħu skond dak li jkun ġie mistoqsi fid-depożizzjoni tiegħu preċedenti. Ir-rikorrent jilmenta ukoll li jekk l-imputat ikun laħaq xehed qabel ir-rikuża huma jkun prekluż milli jerġa jixhed.

[7] Ir-rikorrent donnu qed jippreżumi li t-talba tiegħu għal rikuża għandha tiġi aċċettata f'xi stadju jew ieħor tal-proċeduri.

Illi l-intimati jilqgħu għat-talba odjerna billi jgħidu li r-rikorrent la wera li għandu jedd prima facie x'jigi protett u lanqas ma wera li ser issoffri xi xi preġudizzju irrimedjabbli u li fi kwalunkwe każ jekk javveraw ruħhom il-biżgħat ravviżati mir-rikorrent din il-Qorti tista' eventwlament tordna ir-restitutio in integrum billi tpoġġi lir-rikorrent fil-pożizzjoni li qiegħed fiha llum u l-każ tiegħu jiġi riassenjat lil Maġistrat ieħor. Aktar minn hekk l-intimati jikkontendu li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju fis-sens li seta' jitlob lill-Qorti tal-Maġistrati tissoprasjedi sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri odjerni liema rimedju ma ġiex utilizzat.

Ikkunsidrat

Illi fil-ġurisprudenza huwa stabbilit li:

> *Anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghall rikuza - anzi jista jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor.Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96).*
>
> *....Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu ssmiegh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 10 minn 21 Qrati tal-Gustizzja tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja." (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et filz-17 ta' Lulju 1996 (Kost).*
>
> *Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata flisfond tal-kaz partikolari. [PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et 1/11/96;*

*ara wkoll E. T. Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et 22/10/1984 Kost.).*[8]

Illi fil-***Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights (criminal limb)***[9], b'referenza għall-ġurisprudenza tal-QEDB in tema, jingħad li:

> *132.* ***The mere fact that a judge*** *has already ruled on similar but unrelated criminal charges or that he or she* ***has already tried a co-accused in separate criminal proceedings is not in itself sufficient to cast doubt on that judge's impartiality in a subsequent case*** *(Kriegisch v. Germany (dec.), 2010; Khodorkovskiy and Lebedev v. Russia, 2013, § 544). It is,* ***however, a different matter if the earlier judgments contain findings that actually prejudge the question of the guilt of an accused in such subsequent proceedings***[10] *(Poppe v. the Netherlands, 2009, § 26; Schwarzenberger v. Germany, 2006, § 42; Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 1996, § 59). From this perspective, the issue of the impartiality of a tribunal within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention can be seen in light of the right to the presumption of innocence under Article 6 § 2 (Mucha v. Slovakia, 2021, §§ 48 and 66).*
>
> *133. For instance, in Meng v. Germany, 2021, §§ 53-65, the Court found a violation of Article 6 § 1 in relation to the objectively justified doubts as to the impartiality of the court convicting the applicant of murder, presided by a judge previously sitting in separate proceedings concerning only her co accused, which made extensive findings of established fact and legal qualifications prejudging the applicant's guilt.*
>
> *134. Moreover, an issue may arise from the perspective of general fairness where the trial court has reached certain findings by relying on evidence that was examined in different proceedings in which the applicant did not participate (Khodorkovskiy and Lebedev v. Russia (no.2), 2020, § 522).*

Ikkunsidrat

---

[8] Ref ***Sandro Chetcuti et vs L-Avukat Ġenerali et***: Prim'Awla Sede Kostituzzjonali 28 ta' Jannar 2005, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005.

[9] QEDB maħruġ fid-29 ta' Frar 2024.

[10] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

Illi premess li *s-sistema Maltija hija fondata fuq il-premessa li "il giudice non si presume ne' parziale ne' corrotto"*[11], u tenut kont tal-ġurisprudenza appena ċitata (b'referenza partikolari għal dak li tisħaq il-QEBD li l-fatt fih innifsu li ġudikant jkun diġa iddeċieda, separatament, proċeduri penali kontra koakkużat mhux biżżejjed biex jitfa dell fuq l-imparzjalita tiegħu), biex fil-każ in eżami ikun jista' jingħad li hemm każ prima facie ta' ksur ta' dritt fundamentali, ir-rikorrent kellu juri, dejjem fuq bażi prima facie, li kienet teżisti xi ċirkostanzi bħal dawk fuq imsemmija mill-QEBD u li turi li fid-deċizjoni, u l-kunsiderazzjonijiet li jwasslu għaliha, li ser tingħata fil-kawża kontra Vincent Buhagiar il-Qorti ser tkun qed tiddeċiedi a priori dwar il-ħtija o meno tar-rikorrent. Biex tavvera ruħha din il-biża' pero jeħtieġ li r-reati (u l-elementi kostituttivi tagħhom) addebietati lir-rikorrent u lil Buhagiar, għalkemm mhux neċessarjament l-istess, ikunu tant relatati u naxxenti mill-istess fatti speċifiċi li l-kunsiderazzjonijiet li jwasslu għal deċizjoni dwar ir-reati addebietati lil wieħed ikunu jimplikaw deċizjoni meħuda a priori dwar ir-reati addebietati lill-ieħor. Dan ma ntweriex.

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li jiġi rilevat li dan il-provediment qed jingħata meta għada ma tressqet l-ebda prova fil-proċeduri prinċipali, kif lanqas tressqu provi fir-rigward tat-talba odjerna stante li l-partijiet straħu fuq l-atti proċesswali; dawn s'issa jinkludu r-rikors promotur u r-risposta tal-intimati, ir-rikors odjern u r-risposta relattiva, verbali u riferti. Minn dawn l-atti u mis-sottomissjonijiet magħmula ma jidhirx li hu kontestat li l-proċeduri penali tentati kontra ir-rikorrent u dawk tentati kontra Vincent Buhagiar ittieħdu in segwietu għall-istess inkjesta maġisterjali. U, skond ma ddikjara l-ufficjal prosekutur fil-kors tal-kawża kontra r-rikorrent, hemm fattur komuni bejn iż-żewġ kawżi għaliex *il-mertu tal-ewwel fażi tax-xiri ta' żewġt makni partikolari, ... huwa l-istess fil-kawża kontra Adrian Hillman u fil-kawża ta' Vincent Buhagiar*. Dan waħdu pero mhux prova, imqar prima facie, dwar x'reati huma addebietati lir-rikorrent u lil Buhagiar, u lanqas m'hu prova li l-fatti speċifici li huma naxxenti minnhom, u d-determinazzjoni ta' ħtija o meno dwar dawn ir-reati huma tant konnessi li deċizjoni fil-konfront ta' wieħed timplika deċizjoni a priori fil-konfront ta'l-ieħor.

---

[11] Ref ***L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs L-Onorevoli Prim Ministru et***: Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2014. Din l-istess preżunzjoni tagħmilha l-QEBD; f'dan ir-rigward issir referenza għal **Micallef vs Malta** (5 ta' Ottubru 2009) fejn intqal hekk'paragrafu 94 "*... ... As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary."*

Illi la darba r-rikorrent naqas li juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' dritt fundamentali t-talba odjerna ma tistax tintlaqa'.

Illi għal kull bon fini u in konkluzzjoni għandu jingħad ukoll li, kif ġustament irrileva l-intimat, ir-rikorrent kellu rimedju "ordinarju" li seta' jirrikorri għalih biex jottjeni l-miżura mitluba permezz tar-rikors odjern. Huwa fil-fatt seta' għamel talba simili lill-Qorti tal-Maġistrati. Mill-atti jidher ma jidhirx li saret talba lil dik il-Qorti. Skond il-ġurisprudenza fuq ċitata *r-rimedju* (miżura provizorja) *jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.*

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti dedotta fir-rikors tal-15 ta' Lulju 2024 għall-ghoti ta' miżura proviżorja. Spejjez relatat ma' dan ir-rikors a karigu tar-rikorrent.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**